MT

MT MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 14.2.2011
KUMM(2011) 51 finali

2011/0033 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

In-Norveġja hija l-iktar sieħeb qribna mhux mill-UE fil-kooperazzjoni fis-sistemi tal-GNSS Ewropej Galileo u EGNOS. Matul is-snin, in-Norveġja tat kontribut politiku, tekniku u finanzjarju għall-fażijiet kollha ta' Galileo permezz tas-sħubija tagħha fl-Aġenzija Spazjali Ewropea u tal-parteċipazzjoni informali tagħha fl-istrutturi ta' tmexxija tal-KE speċifiċi għal Galileo.

Dan il-Ftehim, flimkien mad-Deċiżjoni 94/2009 tal-Kumitat Konġunt ŻEE-UE, li tinkorpora r-Regolamenti 683/2008 u 1321/2004 (kif emendati) fil-Ftehim taż-ŻEE, jifformalizza l-kooperazzjoni bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tan-navigazzjoni bis-satellita.

Il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji ta' kooperazzjoni ġenerali u d-drittijiet u l-obbligi tan-Norveġja f'dawk l-oqsma – partikolarment fis-sigurtà – li m’humiex moqdija mill-*acquis* eżistenti dwar Galileo, jiġifieri d-Deċiżjoni 94/2009 li għadna kif semmejna.

Il-Ftehim hu meħtieġ peress li n-Norveġja se tospita żewġ stallazzjonijiet importanti fuq l-art li se jikkontribwixxu biex is-sistema titħaddem sew. F’dan l-isfond, in-Norveġja timpenja ruħha politikament li tissottoskrivi għall-politika futura tal-Unjoni dwar il-ħarsien tas-Sistemi tal-GNSS Ewropej.

Il-ftehim kien ġie nnegozjat abbażi tad-direttivi tan-negozjati adottati mill-Kunsill fit-8 ta' Lulju 2005. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-22 ta’ Settembru 2010.

Dan il-Ftehim se jikkomplimenta d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE-UE 94/2009 billi jemenda l-Protokolli 31 u 37 tal-Ftehim taż-ŻEE li permezz tagħhom in-Norveġja tissottoskrivi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, ir-Regolament (KE) Nru 1942/2006 tat-12 ta’ Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1321/2004 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo). Id-dupplikazzjoni bejn iż-żewġ strumenti ġiet evitata.

Fid-dawl tal-iffirmar tal-ftehim, saret konsultazzjoni bejn is-servizzi (skadenza tas-CISNet 29/06/2009 – konsultazzjoni TREN-54986) u l-kummenti mingħand is-servizzi ġew inkorporati.

Dan wassal għall-Proposta mill-Kummissjoni għad-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-iffirmar COM/2009/453.

Il-ftehim ġie ffirmat fit-22 ta’ Settembru 2010.

Issa jeħtieġ li dan jiġi konkluż.

**Il-proposta**

Il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill, fuq il-bażi tal-Artikoli 171 u 172, flimkien mal-Artikolu 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jawtorizza l-konklużjoni u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta’ Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tadotta din il-proposta u tgħaddiha lill-Kunsill.

2011/0033 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172, flimkien mal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita mar-Renju tan-Norveġja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") li ġie ffirmat nhar it-22 ta' Settembru 2010.

(2) Il-Ftehim huwa suġġett ukoll għar-ratifikazzjoni mill-Istati Membri.

(3) Skont l-Artikolu 12(4) tiegħu, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-elementi li jaqgħu fil-kompetenza tagħha, u mir-Renju tan-Norveġja, sakemm jidħol fis-seħħ.

(4) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea u għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja kif tistipula din id-deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja huwa permezz ta' dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Skont l-Artikolu 12(4) tal-Ftehim, fir-rigward tal-elementi li jaqgħu fil-kompetenza tagħha, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jidħol fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* biex tgħarraf lill-partijiet interessati dwar id-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**ANNESS**

FTEHIM TA' KOPERAZZJONI
DWAR IN-NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA BEJN L-UNJONI EWROPEA
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA U R-RENJU TAN-NORVEĠJA

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn ’il quddiem imsejħa wkoll “l-Unjoni”,

u

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ITALJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

il-partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejħa “l-Istati Membri",

minn naħa waħda, u

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "in-Norveġja",

min-naħa l-oħra,

l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u n-Norveġja, li minn hawn 'il quddiem se jissejħu b'mod konġunt "il-Partijiet",

JIRRIKONOXXU l-parteċipazzjoni mill-qrib tan-Norveġja fil-programmi Galileo u EGNOS sa mill-fażijiet tad-definizzjoni ta’ dawk il-programmi,

KONXJI mill-evoluzzjoni fit-tmexxija, is-sjieda u l-iffinanzjar tal-programmi Ewropej tal-GNSS bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta’ Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita[1], l-emendi tiegħu u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)[2],

IKKUNSIDRAW il-benfiċċji ta' livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-GNSS Ewropej u s-servizzi tagħhom fit-territorji tal-Partijiet,

JIRRIKONOXXU l-intenzjoni tan-Norveġja li tadotta u tinforza f'waqtha fil-ġurisdizzjoni tagħha miżuri li jipprovdu grad ta' sigurtà u sikurezza ekwivalenti għal dak applikabbli fl-Unjoni Ewropea,

JIRRIKONOXXU l-obbligi tal-Partijiet skont il-liġi internazzjonali,

JIRRIKONOXXU l-interess tan-Norveġja fis-servizzi kollha ta' Galileo , inklużi s-servizzi regolati pubblikament (PRS),

---

1 ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.
2 ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.

JIRRIKONOXXU l-Ftehim bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata,

JIXTIEQU li jistabbilixxu formalment kollaborazzjoni mill-qrib fl-aspetti kollha tal-Programmi Ewropej tal-GNSS ,

JIKKUNSIDRAW il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE") bħala bażi xierqa legali u istituzzjonali sabiex jiżviluppaw kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja fin-navigazzjoni bis-satellita,

JIXTIEQU li jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE permezz ta' ftehim bilaterali dwar in-navigazzjoni bis-satellita fi kwistjonijiet b'relevanza speċifika għan-Norveġja, l-Unjoni u l-Istati membri tagħha

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Għan tal-Ftehim

L-għan ewlieni tal-Ftehim hu li jsaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet billi jikkomplementa d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar iż-ŻEE applikabbli għan-navigazzjoni bis-satellita.

*Artikolu 2*

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim:

(a) Is-"Sistemi Globali ta’ Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) tal-Ewropa" jinkludu s-sistema ta' Galileo u s-Sistema Ewropea li tkopri n-Navigazzjoni Ġeostazzjonarja (EGNOS);

(b) “Awmentazzjoni" tfisser mekkaniżmi reġjonali bħal EGNOS. Dawk il-mekkaniżmi jippermettu lill-utenti tal-GNSS jiksbu prestazzjoni aħjar, bħal iżjed preċiżjoni, disponibbiltà, integrità u affidabbiltà;

(c) “Galileo” tfisser sistema awtonoma Ewropea globali tan-navigazzjoni u taż-żamma tal-ħin taħt kontroll ċivili għall-provvista tas-servizzi tal-GNSS iddisinjati u żviluppati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. L-operat ta’ Galileo jista’ jiġi trasferit għal parti privata. Galileo jipprevedi servizzi miftuħa, kummerċjali, ta' sikurezza tal-ħajja u ta' tiftix u salvataġġ kif ukoll PRS sikur b'aċċess restritt biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-utenti awtorizzati tas-settur pubbliku.

(d) “Miżura regolatorja” tfisser kull liġi, regolament, politika, regola, proċedura, deċiżjoni, jew azzjoni amministrattiva simili minn xi Parti;

(e) “Informazzjoni klassifikata” tfisser informazzjoni uffiċjali, fi kwalunkwe forma, li teħtieġ protezzjoni kontra l-iżvelar mhux awtorizzat, li tista' tkun

dannuża fi gradi varji għall-interessi essenzjali, inkluża s-sigurtà nazzjonali, tal-Partijiet jew ta' Stat Membru individwali. Il-klassifika tagħha tiġi identifikata b'marka ta' klassifikazzjoni. Informazzjoni bħal din hija kklassifikata mill-Partijiet skont il-liġijiet u r-Regolamenti applikabbli u għandha tiġi protetta minn kwalunkwe nuqqas ta' kunfidenzjalità, integrità u disponibbiltà.

*Artikolu 3*

Prinċipji tal-kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li japplikaw il-prinċipji li ġejjin lill-attivitajiet ta' kooperazzjoni koperti minn dan il-Ftehim:

(a) il-Ftehim taż-ŻEE għandu jkun il-bażi għal kooperazzjoni fin-navigazzjoni bis-satellita bejn il-Partijiet;

(b) libertà li jiġu fornuti servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita fit-territorji tal-Partijiet;

(c) libertà li jsir użu mis-servizzi kollha ta' Galileo u EGNOS, fosthom il-PRS, soġġetta li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu tagħhom;

(d) kooperazzjoni mill-qrib fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-GNSS permezz tal-adozzjoni u l-infurzar ta' miżuri ekwivalenti ta' sigurtà tal-GNSS kemm fl-Unjoni kif ukoll fin-Norveġja;

(e) rispett xieraq tal-obbligi internazzjonali tal-Partijiet fir-rigward tal-faċilitajiet ta' fuq l-art tal-GNSS Ewropej.

2. Dan il-Ftehim mgħandux jaffettwa l-istruttura istituzzjonali stabbilita bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet tal-operat tal-programm Galileo. Dan il-Ftehim lanqas m'għandu jaffettwa l-miżuri regolatorji applikabbli li jimplimentaw impenji dwar in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-esportazzjoni, kontrolli ta' trasferimenti intanġibbli ta' teknoloġija u lanqas miżuri nazzjonali ta' sigurtà.

*Artikolu 4*

Spettru tar-radju

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw dwar kwistjonijiet tal-ispettru tar-radju li jikkonċernaw is-sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita fl-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU), waqt li jqisu Memorandum ta' Fehim dwar il-Ġestjoni tal-każijiet reġistrati tal-ITU tas-sistema ta' Galileo għas-servizz tar-radju navigazzjoni bis-satellita ffirmat fil-5 ta' Novembru 2004.

2. F'dan il-kuntest il-Partijiet għandhom jipproteġu l-allokazzjonijiet adegwati ta' frekwenzi għas-sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita sabiex jiżguraw id-disponibbiltà tas-servizzi ta' dawn is-sistemi għall-benefiċċju tal-utenti.

3. Barra minn hekk, il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-protezzjoni tan-navigazzjoni tal-ispektrum tar-radju minn xkiel u interferenza. Għal dan il-għan, għandhom jidentifikaw is-sorsi ta’ interferenza u jfittxu s-soluzzjonijiet reċiprokament aċċettabbli sabiex jilqgħu kontra interferenza bħal din.

4. Xejn f’dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem bħala deroga mid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-ITU, inklużi r-Regolamenti tar-Radju tal-ITU.

*Artikolu 5*

Faċilitajiet ta' fuq l-art tal-GNSS Ewropej

5. In-Norveġja għandha tieħu l-miżuri kollha possibbli biex tiffaċilità l-iżvilupp, il-manteniment u s-sostituzzjoni tal-faċilitajiet tal-GNSS Ewropej ("faċilitajiet ta' fuq l-art") fit-territorji li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha.

6. In-Norveġja għandha tieħu l-miżuri kollha possibbli sabiex tiżgura l-protezzjoni u l-operat kontinwu u mingħajr disturbi tal-faċilitajiet ta' fuq l-art fit-territorji tagħha, fosthom, fejn xieraq, billi timmobilizza l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. In-Norveġja għandha tuża l-mezzi kollha possibbli biex iżżomm lill-faċilitajiet ħielsa minn tentatti ta' interferenza bir-radju lokali, dħul mhux awtorizzat u smigħ sigriet.

7. Ir-relazzjonijiet kontrattwali li għandhom x'jaqsmu mal-faċilitajiet ta' fuq l-art għandu jintlaħaq qbil dwarhom bejn il-Kummissjoni Ewropea u d-detentur tad-drittijiet tal-proprjetà. Qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni li għandha x'taqsam mal-faċilitajiet ta' fuq l-art, l-awtoritajiet tan-Norveġja għandhom jirrispettaw b'mod sħiħ l-istat speċjali tal-faċilitajiet ta' fuq l-art u għandhom ifittxu l-ftehim minn qabel mal-Kummissjoni Ewropea, fejn possibbli.

8. In-Norveġja għandha tippermetti l-aċċess kontinwu u mingħajr tfixkil għall-faċilitajiet ta' fuq l-art lill-persuni kollha nnominati jew awtorizzati b'mod ieħor mill-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, in-Norveġja għandha tistabbilixxi punt ta' kuntatt fejn għandha tasal l-informazzjoni dwar il-persuni li qed jivjaġġaw lejn il-faċilitajiet ta' fuq l-art jew inkella tiffaċilita fil-prattika l-movimenti u l-operat ta' persuni bħal dawn.

9. L-arkivji u t-tagħmir tal-faċilitajiet ta' fuq l-art u d-dokumenti fi tranżitu, ikunu f'liema forma jkunu, taħt siġill jew marka uffiċjali ma għandhomx jiġu soġġetti għal spezzjonijiet mid-dwana jew mill-pulizija.

10. F'każ ta' theddida jew ta' kompromess kontra s-sigurtà tal-faċilitajiet ta' fuq l-art jew l-operat tagħhom, in-Norveġja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jinformaw lil xulxin mill-aktar fis bil-każ u bil-passi biex jinstab rimedju għal din is-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tinnomina entità affidabbli oħra biex taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt man-Norveġja għal informazzjoni bħal din.

11. Il-Partijiet se jistabbilixxu proċeduri aktar iddettaljati li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjonijiet fil-paragrafi 1 sa 6 fi ftehim separat. Proċeduri bħal dawn għandhom ikopru, fost oħrajn, kjarifiki li għandhom x'jaqsmu ma' spezzjonijiet, dmirijiet tal-punti ta' kuntatt, rekwiżiti għall-kurrieri u dwar il-miżuri kontra l-interferenzi tal-frekwenza ta' radju lokali u attentati ostili.

*Artikolu 6*

Garanzija

12. Il-Partijiet huma konvinti mill-ħtieġa ta' protezzjoni tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita kontra theddidiet bħal atti ta' użu ħażin, interferenza, xkiel u atti ostili. Minħabba f'hekk, il-Partijiet għan dhom jieħdu l-passi kollha prattikabbli, inklużi fejn xieraq, ftehimiet separati, biex jiżguraw il-kontinwità, is-sikurezza u s-sigurtà tas-servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita u tal-assi infrastrutturali u kruċjali relatati fit-territorji tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea għandha l-intenzjoni li tiżviluppa miżuri biex tipproteġi, tikkontrolla u tieħu ħsieb assi, informazzjoni u teknoloġiji sensittivi tal-Programmi Ewropej tal-GNSS kontra theddidiet u proliferazzjoni mhux mixtieqa bħal dawn.

13. F'dan il-kuntest in-Norveġja tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tadotta u tinforza f'waqtha miżuri, fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħha, li jipprovdu grad ta' sigurtà u sikurezza ekwivalenti għal dak applikabbli fl-Unjoni Ewropea. B'rikonoxximent ta' dan , il-Partijiet se jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' sigurtà tal-GNSS inkluża l-akkreditazzjoni fil-kumitati rilevanti tal-istruttura governattiva tal-GNSS Ewropej. L-arranġamenti u l-proċeduri prattiċi għandhom jiġu definiti fir-regoli tal-proċeduri tal-kumitati rilevanti filwaqt li jitqies ukoll il-qafas tal-Ftehim taż-ŻEE.

14. F' każ fejn ma jkunx jista' jinkiseb grad ekwivalenti ta' sigurtà u sikurezza, il-Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet bl-iskop li jinstab rimedju għal din is-sitwazzjoni. Fejn xieraq, l-ambitu tal-kooperazzjoni f'dan is-settur jista' jiġi aġġustat kif xieraq.

*Artikolu 7*

Skambji ta' informazzjoni klassifikata

15. L-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni għandhom isiru skont il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata[3], li ġie ffirmat nhar it-22 ta' Novembru 2004, kif ukoll l-arranġamenti Implimentattivi ta' dak l-Arranġament.

16. In-Norveġja tista' twettaq skambju ta' informazzjoni klassifikata b'marka ta' klassifikazzjoni nazzjonali dwar Galileo ma' dawk l-Istati Membri li magħhom ikkonkludiet ftehimiet bilaterali għal dak il-għan.

17. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jistabbilixxu qafas legali kumplessiv u koerenti li jippermetti skambji,bejniethom ta' informazzjoni klassifikata li għandha x'taqsam mal-programm Galileo .

---

[3] ĠU L 362, 9.12.2004, p. 29.

*Artikolu 8*

Kontroll fuq l-esportazzjoni

18. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' politika uniformi ta' kontrolli fuq l-esportazzjonijiet u n-nonproliferazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' Galileo bejn il-Partijiet, in-Norveġja tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tadotta u tinforza f'waqtha, fil-ġurisdizzjoni tagħha, miżuri li jipprovdu grad ekwivalenti ta' kontroll ta' esportazzjoni u nonproliferazzjoni ta' teknoloġiji, dejta u oġġetti ta' Galileo bħal dawk applikabbli fl-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

19. F' każ fejn ma jkunx jista' jinkiseb grad ekwivalenti ta' kontroll tal-esportazzjoni u nonproliferazzjoni, il-Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet bl-iskop li jinstab rimedju għal din is-sitwazzjoni. Fejn xieraq, l-ambitu tal-kooperazzjoni f'dan is-settur jista' jiġi aġġustat kif xieraq.

*Artikolu 9*

Servizz pubbliku rregolat

In-Norveġja wriet l-interess tagħha fil-PRS ta' Galileo u tikkonsidrah bħala element importanti tal-parteċipazzjoni tagħha fil-Programmi Ewropej tal-GNSS . Il-Partijiet jaqblu li jindirizzaw din il-kwistjoni ladarba l-politiki u l-arranġamenti li jikkontrollaw l-aċċess għall-PRS jkunu ġew identifikati.

*Artikolu 10*

Kooperazzjoni internazzjonali

20. Il-Partijiet jagħrfu l-valur li jikkoordinaw l-approċċi fl-istandardizzazzjoni internazzjonali u f'fora taċ-ċertifikazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' navigazzjoni globali bis-satellita B'mod partikolari, il-Partijiet għandhom jappoġġaw konġuntement l-iżvilupp tal-istandards ta' Galileo u jħeġġu l-applikazzjoni tagħhom mad-dinja kollha, billi jisħqu fuq l-interoperabbiltà ma' GNSS oħra.

21. Konsegwentamet, biex jitħeġġu u jiġu implimentati l-għanijiet ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom, kif inhu xieraq, jikkooperaw dwar il-kwistjonijiet kollha tal-GNSS li jinqalgħu speċjalment fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili, fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u fl-ITU.

*Artikolu 11*

Konsultazzjoni u soluzzjoni ta' tilwim

Il-Partijiet għandhom minnufih jikkonsultaw, fuq talba ta' waħda minnhom, dwar kull kwistjoni li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Kull tilwima li

għandha x'taqsam mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta’ dan il-Ftehim għandha tiġi solvuta permezz ta' konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

*Artikolu 12*

Dħul fis-seħħ u terminazzjoni

22. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jsegwi dak meta l-Partijiet innotifikaw lil xulxin li kkompletaw il-proċeduri meħtieġa għal dan il-fini. In-notifiki għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li għandu jkun id-depożitarju ta’ dan il-Ftehim.

23. L-iskadenza jew it-tmiem ta' dan il-Ftehim ma jaffettwax il-validità jew it-tul ta' żmien ta' kwalunkwe arranġament li sar skont dan jew ta' kwalunkwe dritt u obbligu speċifiku li jkun akkumula fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

24. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bi ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet. Kull emenda għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta’ meta tasal l-aħħar nota diplomatika li tinforma lill-Parti l-oħra li jkunu tlestew il-proċeduri interni rispettivi tagħhom neċessarji għad-dħul fis-seħħ tagħha.

25. Minkejja l-paragrafu 1, in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-elemen ti li jaqgħu fil-kompetenza tagħha, jaqblu li japplikaw dan il-Ftehim provviżorjament mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha huma jkunu nnotifikaw lil xulxin li tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

26. Kwalunkwe Parti tista’ ttemm dan il-Ftehim, billi tagħti avviż ta' sitt xhur bil-miktub lill-Parti oħra.

Dan il-Ftehim huwa miktub b'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża u Norveġiża, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.